# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 4/2023: **STYLES APERTURES LIMITED (C56298) V. CLAYTON DEBONO**

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**22 ta' Jannar 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Styles Apertures Limited ("il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fid-9 ta' Jannar 2023[1] li permezz tiegħu talbet lil Clayton Debono ("l-intimat") sabiex jidher fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħid 'l għaliex m'għandux jiġi kkundannat li:

> **'tħallas is-somma ta' hames t'elef, erba' mija u tlieta u sebghin Ewro (€5,473) liema somma hija certa, likwida u dovuta u rapprezentanti l-bilanc ta' servizzi fornuti lilek fuq ordni tieghek stess.**
>
> **Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta prezentata fil-Qorti tal-Magistrati ta' Malta bin-numru 2225/2022 u bl-imghax legali.'**

wara li rat ir-risposta tal-intimat ippreżentata fl-24 ta' Marzu 2023[2] li permezz tagħha wieġeb:

> **'Illi t-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li dak mitlub huwa ġia mħallas'**

wara li rat bl-Ordni *in camera* tagħha tas-27 ta' Marzu 2023[3] maħruġa skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti *inter alia* appuntat l-kawża għas-smiegħ għad-29 ta' Mejju 2023 u dan sabiex il-kumpanija rikorrenti tressaq il-provi tagħha,

wara li rat li l-intimat ġie notifikat bl-avviż tas-smiegħ fl-20 ta' April 2023[4],

---

[1] Fol 1
[2] Fol 7
[3] Fol 9
[4] Fol 12 wara

wara li rat li fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2023 ir-rikorrenti ressqet il-provi permezz ta' *affidavit*[5] filwaqt li l-intimat ma deherx u lanqas ma deher l-avukat difensur tiegħu[6],

wara li rat li fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2023 ir-rikorrenti kompliet tressaq il-provi tagħha permezz ta' żewġ *affidavits*[7] filwaqt li l-intimat ma deherx u lanqas ma deher l-avukat difensur tiegħu[8],

wara li rat li fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2023 ir-rikorrenti ressqet l-aħħar xhud tagħha[9], għalqet il-provi tagħha u l-Qorti ddiferiet il-kawża għat-22 ta' Jannar 2024 għall-provi kollha li seta' jkollu l-intimat li għal darb' oħra ma deherx u lanqas ma deher l-avukat difensur tiegħu[10],

wara li rat li fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2024 l-intimat reġa ma deherx u lanqas ma deher l-avukat difensur tiegħu u għalhekk il-Qorti wara li semgħet it-trattazzjoni mill-avukat difensur tar-rikorrenti, ipposponiet il-kawża għas-sentenza[11],

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża inkluż l-*affidavits* li ġew ippreżentati mill-kumpanija rikorrenti,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kawża tikkonċerna l-ammont ta' € 5,473 li l-kumpanija rikorrenti tippretendi bħala ammont dovut lilha mill-intimat rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi mogħtija lilu fuq ordni tiegħu stess. L-intimat jgħid fir-risposta tiegħu illi huwa ħallas kollox lir-rikorrenti u għalhekk m'huwa dovut xejn lilha.

2. Fl-affidavit ippreżentat fid-29 ta' Mejju 2023, **Kurt Aquilina**[12], impjegat tar-rikorrenti, spjega illi l-intimat kien ikkuntatjahom u kien talabhom stima ghal xi xogħlijiet ta' *railings* u *boundary wall*. Għaddewlu xi stimi u eventwalment wara li l-intimat iddecieda li jaħdem bis-servizzi tal-kumpanija rikorrenti, għamel depożitu ta' €2,000. Missier ix-xhud u impjegati oħrajn kienu marru fuq il-post tal-intimat biex ikejlu x-xogħol li kien ħa jsir. Fuq il-post kienu marru ikejlu erba' darbiet. L-ewwel darba kienu kejlu l-boundary wall fejn l-intimat Debono xtaq li l-*boundary wall* jkun mdawwar bil-ħġieġ, it-tieni darba kienu kejlu *railings* tal-gallarijiet tal-faċċata, it-tielet darba kienu kejlu zewġ *railings*, wieħed ħdejn il-pool u l-ieħor fit-taraġ intern u r-raba' darba kienu kejlu l-bieb tal-entratura ta' mal-*boundary wall* u ħġieġa fissa oħra.

---

[5] Fol 15-23
[6] Fol 13
[7] Fol 25-32
[8] Fol 24
[9] Fol 40A-45
[10] Fol 40
[11] Fol 46
[12] Fol 15-23

Ix-xhud qal li x-xogħol inħadem b'dan il-mod u cjoe l-ewwel ġie mkejjel ix-xogħol tal-*boundary walls* u tar-*railings*, ġie nstallat dak ix-xogħol, imbagħad ġew mkejla il-bieb u l-ħġieġa fissa u wara li nħadmu kemm il-bieb u anke l-ħġieġa fissa, eventwalment inħarġet invoice waħda għax-xogħol kollu.

Skond ix-xhud, ix-xogħol tal-*boundary wall* u tar-*railings* ġie installat, iżda meta ċemplu lill-intimat biex jinfurmawh li l-bieb u l-ħgiega fissa kienu lesti u talbuh sabiex jiftehmu ġurnata biex imorru fuq il-post biex jinstallawh huwa qalilhom li kien nesa x'bieb kien ordna u talabhom ritratt tiegħu. Għalhekk, tramite l-impjegata tagħhom Ivana Zivkovic, huma kienu bagħtulu *email* bir-ritratt tal-bieb (email annessa mal-affidavit u mmarkata bħala DOK A[13]).

L-intimat bgħatilhom *email* lura u infurmahom li skond hu l-ħġieġ tal-bieb kellu jkun differenti u l-bieb kellu jkun *frameless*. (email annessa mal-affidavit u mmarkata DOK B[14]).

Ix-xhud insista illi l-bieb kienu ħadmuh skond il-ftehim u għalhekk ċemplulu diversi drabi biex jinfurmaw li l-bieb kien inħadem kif kien talabhom huwa stess u għalhekk reġgħu insistew miegħu li jtihom ġurnata għall-installazjoni. Meta bdew jgħaddu l-ġimgħat u l-intimat baqa' ma tahomx data, fil-5 ta' Mejju 2022, Ivana Zivkovic bagħtitlu email bl-invoice tax-xogħol[15] u reġgħu talbuh jtihom data għall-installazzjoni tal-bieb u tal-ħġiega. Ix-xhud spjega li minkejja li l-invoice għandha id-data tad-9 ta' Novembru 2021, din l-invoice intbghatet għall-ewwel darba lil intimat fil-5 ta' Mejju 2022 u dan meta x-xogħol kollu mitlub minnu kien tlesta. Eventwalment minkejja li x-xogħol kien sar skont il-ftehim, fis-19 ta' Mejju 2022 kienu anke offrewlu li jibdlulu l-ħġieġ tal-bieb (email annessa u mmarkata DOK E[16]).

Minkejja dan l-intimat lanqas biss ikkomunika magħhom u għalhekk fis-19 ta' Lulju 2022, bagħtulu email oħra fejn infurmawh li jekk sal-aħħar tal-ġimgħa huwa ma kienx ħa jikkomunika magħhom, huma kienu ser jipproċedu legalment fil-konfront tiegħu (email annessa u mmarkata DOK F[17]).

Peress li l-intimat baqa' ma kellimhomx huma ma kellhomx alternattiva ħlief li jipproċedu legalment kontrih. Ix-xhud ikkonferma illi l-ammont dovut mill-intimat lir-rikorrenti huwa dak ta' **€ 5,473** u f'dan ir-rigward esebixxa ukoll *statement of accounts* li ġie mmarkat bħala DOK G[18].

[13] Fol 17
[14] Fol 18
[15] Dok C u D a fol 19-20
[16] Fol 21
[17] Fol 22
[18] Fol 23

3. Fl-affidavit ippreżentat fl-10 ta' Lulju 2022, **<u>Jonathan Aquilina</u>**[19], Direttur tar-rikorrenti, essenzjalment reġa' rrepeta u kkonferma dak li kien xehed bl-affidavit tiegħu, Kurt Aquilina. Huwa esebixxa *drawings* tal-kejl li għamlu (DOK A[20]). Huwa kkonferma ukoll illi l-ammont dovut lir-rikorrenti mill-intimat kien dak ta' €5,473.

4. Fl-affidavit ippreżentat fl-10 ta' Lulju 2022, **<u>Ivana Zivkovic</u>**[21], *office clerk* impjegata mar-rikorrenti, qalet is-segwenti:

   *"That one of our clients was a certain Clayton Debono who had placed an order with the company for various works related to glass partitioning on a boundary wall, balcony railings, other railing works near pool and internal staircase, an entrance door in the boundary wall and another fixed glass. The client had left a deposit of two thousand Euros (€2,000) and the company had proceeded to manufacture all ordered works. The glass on the boundary walls and railings were also installed on site.*

   *I sent several e-mails to Clayton Debono so that we could continue with the installation of the remaining works and even called him several times. A picture of the manufactured door and glass was also sent to him. The only feed back I ever got from him was an e-mail to tell us that the glass was not as he requested. Despite the fact that the company manufactured the glass as ordered. I am informed that the company had offered to change the glass for him.*

   *I tried to contact Clayton Debono by phone on various occasions. Despite all this, Clayton Debono remained evasive and never replied to us as to when we can conclude the works on site. At times he even claimed to me that he was in hospital and receiving treatment for cancer"*

5. Fix-xhieda tiegħu mogħtija *viva voce* fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2023[22], **<u>Etienne Sciclunа</u>**, dak iż-żmien Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, esebixxa bil-ġurament tiegħu kopja ta' ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta mill-kumpanija rikorrenti kontra l-intimat, bin-numru 2225/2022. F'din l-ittra r-rikorrenti kienet interpellat lill-intimat għall-ħlas tas-somma mitlub fil-kawża, ossia ta' € 5,473. L-intimat ġie notifikat bl-ittra fl-1 ta' Ottubru 2022 u permezz tan-nota oppożitorja tiegħu saħaq li l-ittra nnifisha hija nulla għaliex ma ssegwix il-forma statutorja u li fi kwalunkwe każ l-ebda ammont ma kien dovut minnu.

6. L-intimat filwaqt li kif ingħad fir-risposta tiegħu għall-kawża odjerna saħaq li m'għandu jagħti xejn lir-rikorrenti (għax ħallasha kollox), baqa' ma deher qatt

---

[19] Fol 26-31
[20] Fol 28-31
[21] Fol 32
[22] Fol 40A-45

(lanqas tramite l-avukat difensur tiegħu) u ma ressaq l-ebda prova in sostenn tad-difiża tiegħu minkejja li kellu seduta ffissata għalih għal dan il-għan.

7. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti ftit għandha dubju illi t-talba tal-kumpanija rikorrenti hija ġustifikata u jistħoqqilha li tiġi akkolta fl-ammont mitlub.

**Deċiżjoni**

8. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talba tal-kumpanija rikorrenti u:**

    1. **tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' ħames t'elef erba' mija u tlieta u sebgħin euro (€5,473) rappreżentanti l-bilanċ tal- prezz ta' servizzi mogħtija u merkanzija konsenjati u mibjugħa lill-intimat fuq ordnijiet tiegħu stess;**

    2. **tikkundanna lill-intimat iħallas din is-somma lir-rikorrenti bl-imgħax legali dekoribbli mill-1 ta' Ottubru 2022 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjeż kif mitluba kontra l-intimat.**

V.G. Axiak
Maġistrat

Y.M. Pace
Dep. Reġistratur